# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 1133/00**

**Numru 32**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Emanuel Micallef**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm252.46 (mitejn u tnejn u hamsin Lira u sitta u erbghin centezmu) mill-konvenut lis-socjeta attrici dovuta inkonnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 802189 (c/n 696407) kif jirrizulta mill-istatement anness mal-avviz u mmarkat Dok A, liema servizz gie nstallat fil-fond numru 49, Sqaq Brittanniku Nru 2, Tarxien, fuq rikjesta tal-konvenut u dan kif jirrizulta mis-"service agreement" anness mal-avviz u mmarkat Dok B.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Marzu 2000 u bl-imghaxijiet legali mill-istess data sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi Dok A u Dok B a fol 2 u 3 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-8 ta' Jannar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm252.46,0 bl-imghaxijiet legali mill-15 ta' Marzu 2000 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg